MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 196/2008

**DR. FRANCIS BONELLO**

**VS**

**PAUL VELLA**

It-Tribunal;

Ra r-rikors ta' Paul Vella fejn talab illi ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Dr Francis Bonello vs Paul Vella li giet deciza fit-12 ta' Frar, 2007 gew elenkati r-ragunijjiet sabiex issir ir-ritrattazzjoni.

Ra r-risposta ta' Dr Francis Bonello fejn qal illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni m'hijiex ikkontemplata mill-ligi fir-rigward ta' sentenzi moghtija mit-Tribunali ghal talbiet Zghar, ghandu biss gurisdizzjoni sabiex jisma' u jaqta' biss ta' talbiet ta' flus, illi talbiet quddiem dan it-Tribunal ghandhom isiru permezz ta' formola specjali li hemm fl-

ewwel skeda ta` l-Avviz Legali 145 ta` l-1995, u li minghajr pregudizzju m'huwa xejn minn dak li ntqal fir-rikors li huwa ma kellu ebda konoxxenza tal-kawza u li l-atti qatt ma gew notifikati lilu u Illi r-ragunijiet elenkati fir-rikors ghar-ritrattazzjoni ma jinkwadrawx ruhhom fir-ragunijiet elenkati fl-artiklu 811 tal-Kap.12.

It-Tribunal huwa tal-fehma Illi fil-waqt illi jista' jaqta' u Jiddeciedi l-kawzi b'ekwita' u huwa marbut primarjament ma` l-Kap 380 dwar l-att tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, jibqa' dejjem marbut li jiddeciedi skond il-ligijiet ta' Malta.

Illi fil-waqt illi l-intimat ecceppixxa illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, m'hijiex kontemplata fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma waqafx hemm u zied r-raguni ohra ghaliex it-Tribunal m'ghandux jilqa' tali rikors a bazi ta` l-artikli 811 (a) , (b) u (c) tal-Kap 12.

Illi t-Tribunal jirrilleva lli huwa marbut primarjament ma` l-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta u li certi decizjonijiet ta` kif imexxi l-kazijiet jaqghu ghad-diskrezzjoni tat-Tribunal. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi kieku jaghzel li juza d-diskrezzjoni moghtija lilu bil-ligi ta' kif ghandu jmexxi l-kawzi u jaghzel illi jikkonsulta ruhu mad-disposizzjonijiet tal.Kap 12, jara li r-ragunijiet mitluba mir-rikorrent sabiex issir ir-ritrattazzjoni ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet ta` l-artiklu 811 tal-Kap 12.

Illi fi kwalunkwe' kaz, wara evalwazzjoni profonda tar-rikors u r-risposta, t-Tribunal jichad dan ir-rikors stante illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar , m'hijiex kontemplata fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------